



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

28.4.2010

B7-0256/2010

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni fil-Kirgiżistan

Hannes Swoboda, Katarína Neved'alová, Justas Vincas Paleckis, Marc Tarabella, Henri Weber
f'isem il-Grupp S&D

RE\814653MT.doc

PE439.778v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fil-Kirgiżistan

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni fil-Kirgiżistan u l-Asja Ċentrali, rigward, b'mod partikolari, dik tat-12 ta' Mejju 2005,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Frar 2008 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-VP/RGħ Catherine Ashton dwar is-sitwazzjoni fil-Kirgiżistan tat-8 ta' April 2010,
 - wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE għal Sħubija Ġdida mal-Asja Ċentrali adottata mill-Kunsill Ewropew tal-21 u t-22 ta' Ġunju 2007,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) bejn l-UE u l-Kirgiżistan li daħal fis-seħħ fl-1999,
 - wara li kkunsidra d-Dokument ta' Strateġija Reġjonali tal-Komunità Ewropea għall-Għajnuna għall-Asja Ċentrali għall-perjodu 2007-2013,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi huwa fl-interess tal-popli kemm tal-Asja Ċentrali u kemm tal-Unjoni Ewropea li jaraw li jkun hemm progress lejn stabbiltà u livelli ogħla ta' żvilupp demokratiku u uman, sigurtà umana u tkabbir sostenibbli fir-reġjun,
- B. billi l-Kirgiżistan huwa membru tal-OSKE u fi ħdan dan il-qafas huwa impenjat li jirrispetta l-libertajiet fundamentali, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt u li jimplimenta l-istandards demokratiċi tal-OSKE,
- C. billi Kurmanbek Bakiyev, li ħa l-kariga l-ewwel darba f'Lulju 2005 wara l-hekk imsejħa Rivoluzzjoni tat-Tulipani, is-sena li għaddiet reġa' ġie elett għal mandat ieħor bħala president f'elezzjoni fejn l-osservaturi indipendenti qalu li kienet imċappsa bi frodi kbira; billi wara l-ewwel impenji demokratiċi tiegħu t-tmexxija ta' Bakiyev saret awtoritarja u ripressiva u r-reġim tiegħu ġie sostanzjalment meqjus bħala korrott u mtebba' b'abbużi ta' poter,
- D. billi fis-7 ta' April 2010 truppi Kirgiżi intervenew bl-użu ta' balal, gass tad-dmugħ u 'stun grenades' kontra folla ta' dimostranti li nġabru quddiem l-uffiċċju presidenzjali f'Bixkek u mbaġhad attakkaw bini tal-gvern biex jipprotestaw kontra żieda qawwija fil-prezzijiet tal-elettriku u tat-tisħin, liema protesta ħalliet ħafna nies mejta u midruba,
- E. billi l-President Bakiyev kien imġiegħel jaħrab mill-belt kapitali u postu ttieħed minn gvern interim immexxi mill-kap tal-oppożizzjoni Roża Otunbayeva li ħarġet digriet dwar

is-suċċessjoni tal-poter u ordni ta' konformità mal-kostituzzjoni Kirgiża u xoljiet il-parlament,

- F. billi wara li pprova jistipula l-kundizzjonijiet għar-riżenja tiegħu ġimgħa wara l-irvell Bakijev ħalla l-pajjiż lejn il-Kazakistan skont ftehim intermedjat mir-Russja, l-Istati Uniti u l-Kazakistan; billi Bakijev iddikjara pubblikament li kien iffirma ittra ta' riżenja minħabba l-pressjoni li saret fuqu u fuq il-familja tiegħu u li minkejja r-riżenja tiegħu huwa kien għadu l-president leġittimu tal-Kirgiżistan sakemm il-Parlament jeżonerah mid-dmirijiet tiegħu,
- G. billi fit-13 ta' April 2010, il-Qorti Kostituzzjonali tal-Kirgiżistan, sabiex tiżgura l-istabilità u tevita konfront bejn il-forzi politiċi ġiet imġiegħla tagħti widen għat-talbiet tal-gvern interim tal-pajjiż biex il-qorti tiġi xolta,
- H. billi s-sitwazzjoni fil-Kirgiżistan għadha instabbli u kien hemm irvelli etniċi ġodda, fil-periferiji ta' Bixkek fid-19 ta' April, li ħallew nies mejta u midruba u li poġġew f'riskju l-isforzi tal-gvern interim biex ireġġa' l-ordni; billi f'Jalalabad, il-partitarji ta' Bakijev ħatru gvernatur pro-Bakijev wara li ħadu f'idejhom uffiċċju governattiv reġjonali; billi l-għlied bejn il-partitarji taż-żewġ naħat għadhom għaddejnin f'ċerti partijiet tal-pajjiż,
- I. billi l-gvern tal-Federazzjoni Russa adotta pakkett ta' USD 50 miljun bħala għajjnuna ekonomika għall-Kirgiżistan flimkien ma' kunsenji ta' petrol u diżil għall-żmien il-ħsad fir-rebbiegħa,
- J. billi l-Asja Ċentrali hija kkaratterizzata fi grad għoli minn faqar u numru kbir ta' theddidiet fuq is-sigurtà umana, kif ukoll minn governanza ħażina, awtoritarjaniżmu qawwi u nuqqas ta' kanali legali biex wieħed jesprimi skuntentizza u jipproċedi favur bidla politika; billi dan jista' jirriżulta fit-trawwim ta' movimenti Islamiċi radikali sigrieti u fit-tkabbir mgħaġġel ta' tali movimenti fl-ifqar pajjiżi,
- K. billi l-UE għandha tħares dejjem l-impenn tagħha li tintegra d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt f'kull ftehim ma' stati terzi u li tippromwovi riformi demokratiċi permezz ta' politiki koerenti li jsaħħu l-kredibilità tagħha bħala attur reġjonali,
 1. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu fir-rigward tas-sitwazzjoni fil-Kirgiżistan u joffri l-kondoljanzi tiegħu lill-familji tal-vittmi kollha tal-avvenimenti traġiċi;
 2. Jistieden lill-partijiet kollha biex itemmu l-vjolenza, jeżerċitaw ir-rażan u jagħmlu kull sforz sabiex jinbada djalogu ġenwin immirat lejn l-ilħiq tal-istabilità u jipprovdu l-kundizzjonijiet meħtieġa għar-ritorn paċifiku għal ordni kostituzzjonali demokratika;
 3. Jitlob investigazzjoni internazzjonali mmexxija min-NU dwar dawn l-avvenimenti sabiex jiġu identifikati r-responsabilitajiet u n-nuqqasijiet u tiġi pprovduta assistenza lill-awtoritajiet ġudizzjarji Kirgiżi sabiex iressqu l-qorti l-awturi tal-krimini u jiżguraw li l-proċeduri ġudizzjarji jiġu rrispettati u jimxu skont il-ħaqq;
 4. Jilqa' b'sodisfazzjon l-ewwel passi meħuda mill-gvern proviżorju biex ireġġa' d-demokrazija, b'mod partikolari, fir-rigward tal-pjanijiet li jfassal kostituzzjoni ġdida li

tirranġa b' mod radikali r-reviżjoni ta' Bakiyev li kienet poġġiet poter eċċessiv f'idejn il-presidenza u jitlob li jsiru elezzjonijiet ġodda malli jintlaħqu l-kundizzjonijiet għal elezzjonijiet ħielsa u ġusti u tkun ġiet adottata u implimentata l-leġislazzjoni neċessarja;

5. Jilqa' b' sodisfazzjon, f' dan ir-rigward, it-tħabbir tal-gvern interim li se jagħmel referendum dwar il-kostituzzjoni l-ġdida fis-27 ta' Ġunju 2010 u elezzjonijiet ġenerali ġodda fl-10 ta' Ottubru 2010;
6. Jenfasizza li politika soċjali dinamika u sforzi biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet kulturali u edukattivi huma l-aqwa protezzjoni kontra l-eċċessi li l-poplu jħalluh fqir, faċilment influwenzat u priża faċli għall-movimenti li jkunu qed jippruvaw jisfruttaw il-faqar ta' dawn in-nies għal finijiet terroristiċi;
7. Jenfasizza l-periklu involut fil-ħolqien u l-istrumentalizzazzjoni tal-milizzji popolari;
8. Jenfasizza b' mod partikolari l-importanza li kulħadd jiġi pprovdut b' aċċess għall-provvista tal-elettriku, liema spiża apparentament ittriplat fuq perjodu ta' żmien qasir, bi profitti kbar għal kumpaniji li jappartjenu lill-familja tal-President Bakiyev;
9. Ihegġegħ lill-gvern interim biex jagħmel kull sforz sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet għal sistema effettiva u trasparenti li xxejjen id-dominanza tal-politika tal-klanns u li tistimula l-iżvilupp politiku, soċjali u ekonomiku;
10. Jinnota li r-Rivoluzzjoni tat-Tulipani tal-2005 ħolqot aspettattivi kbar ta' riformi demokratiċi fis-soċjetà Kirgiża li ma mmaterjalizzawx anke minħabba n-nuqqas ta' koerenza u asserzjoni tal-politika tal-UE fir-rigward ta' dan il-pajjiż; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex ma jtilfux opportunità oħra u jsibu modi biex jassistu lill-gvern interim u jtejbu l-ħajjiet tan-nies permezz tal-iżvilupp nazzjonali u r-reponsabilizzazzjoni taċ-ċittadini b' kooperazzjoni mal-partijiet interessati kollha u s-soċjetà ċivili Kirgiża;
11. Jinnota li n-nuqqas kbir ta' riżorsi naturali u l-vulnerabilità tal-Kirgiżistan jagħmluh dipendenti ħafna fuq l-appoġġ estern; jinnota wkoll li fil-viċinat tiegħu hemm nuqqas serju ta' mudelli ta' governanza demokratika u li tiffunzjona tajjeb u ta' żvilupp soċjali pożittiv; jenfasizza, f' dan ir-rigward, li l-assistenza internazzjonali se tkun ta' importanza kruċjali;
12. Jistieden lill-Rappreżentant Speċjali għall-Asja Ċentrali tal-VP/RGħ biex isegwi mill-qrib is-sitwazzjoni, jipprovdi assistenza u jiffaċilita l-bidu mill-ġdid tad-djalogu bejn il-komponenti kollha tas-soċjetà Kirgiża; iħeġġu, fl-istess ħin, biex jaħdem f' kooperazzjoni mill-qrib man-NU bil-għan li tissejjaħ konferenza tad-donaturi internazzjonali li fiha jiġu indirizzati l-problemi umanitarji u l-bżonnijiet bażiċi tal-Kirgiżistan u tiġi pprovduta l-għajnuna neċessarja għall-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiż;
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jeżaminaw b' urġenza jekk jeżistux jew jistgħux jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-varar ta' programm ta' għajnuna ġdid u kbir għall-Kirgiżistan, mhux l-anqas fil-qies ta' kemm jidher qawwi l-impenn reali tal-gvern proviżorju tal-Kirgiżistan favur id-demokratizzazzjoni u t-tmexxija nadifa;
14. Jitlob viġilanza partikolari fir-rigward tar-riskju ta' qasma bejn it-Tramuntana u n-

Nofsinhar tal-pajjiż, u appoġġ reali sabiex il-Kirgiżistan ikun jista' jżviluppa l-identità nazzjonali tiegħu għall-kuntrarju tas-sitwazzjoni tribali li attwalment qed taqsam il-pajjiż;

15. Jitlob użu estensiv tal-Istrument għall-Istabilità u jistieden lill-Kummissjoni biex tfejji proposti dwar ir-riallokazzjoni ta' fondi tal-Istrument ta' Kooperazzjoni fl-Iżvilupp biex tiżgura li fiż-żmien qasir kif ukoll f'dak medju, ir-reazzjoni tal-UE għas-sitwazzjoni l-għdida fil-Kirgiżistan tkun ta' daqs adegwat;
16. Jistenna bil-ħerqa r-reviżjoni tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE għar-reġjun u jitlob impenn sabiex din tkun iktar kredibbli, konkreta u koerenti sabiex tinholq u tiġi megħjuna l-istabilità tar-reġjun u jkun hemm appoġġ favur ġejjieni ta' paċi u stabbiltà;
17. Jenfasizza li għandhom isiru aktar sforzi sabiex jiġi evitat li l-Kirgiżistan isir żona ta' konfrontazzjoni bejn protagonisti kbar reġjonali u jħeġġeġ lill-VP/RGħ u lill-Kummissjoni sabiex isibu mezzi biex jagħmlu mill-pajjiż żona ta' kooperazzjoni fost l-atturi prinċipali fl-interess tal-popolazzjoni kollha tal-Kirgiżistan;
18. Jenfasizza li tħassib ovvju taċ-ċittadini Ewropej huwa s-solidarjetà maċ-ċittadini Kirgiżi bi prijorità ewlenija għall-ħolqien tal-istabilità u l-paċi, għal ġejjieni aħjar u żvilupp demokratiku, għall-prevenzjoni tal-vjolenza waqt id-dimostrazzjonijiet u għall-għoti ta' għajjnuna lill-gvern biex jipprepara elezzjonijiet demokratiċi;
19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-VP/RGħ tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-OSKE, u lill-parlamenti tal-Federazzjoni Russa, tal-Istati Uniti u tal-Kazakistan.